

# Best Of Puglia

Grp A: 17 – 21 t'Apr (Easter Hol) ,Grp B: 22 – 26 ta' Mej, Grp C: 19 – 23 ta' Ġun

## Bari, Trani, Altamura, Gravina Di Puglia, Gargano, Monte Sant Angelo, Ostuni, Polignano Al Mare & Alberobello

**L-Ewwel Jum**
Naslu l-ajruport ta' Bari bir-Ryan Air FR 7108 at 13:55. Bil-coach nitilqu lejn **Trani:** Mal-leader inżuru l-port, Villa comunale, lungo mare u Piazza della Repubblika. Wara tluq lejn Andria. Check in fil-Hotel Cristal Palace. Wara ċ-ċena ħarġa mal-leader biex ingawdu l-ewwel esperjenza f'din il-belt sabiħa **Andria** bħal Corso Cavour u piazza Catuma.

**It-Tieni Jum**
Bil-coach nitilqu lejn **Altamura** li tinsab fuq waħda mill-għoljiet tal-plateau Murge. Mal-leader dawra fejn inżuru katedral b'faċċata mill-isbaħ, Piazza Duomo, Corso Federico, Porta Bari. Hin liberu biex induqu l-ħobża ta' kwalita' magħrufa ġewwa Altamura. Wara inkomplu bil-coach lejn **Gravina Di Puglia.** Kif naslu mal-leader inżuru Villa Comunale, Piazza Benedettu XIII, il-katedral u il-Panorama Belveder "Le Gravine Pugliesi" fejn inħaddmu xi xeni mill-films ta' James Bond. Ħin liberu għall ikel u xiri tas-souveniers (Cola Cola). Wara nkomplu mal-leader biex inżuru l-parti meqjusa bħala ġawra kkaratteristika mnaqqxa bil-blat, wied b'kuntatt man-natura li jaqsam canyon pittoresk, fejn naraw il-pont akwedott il-magnifico, l-għerien u l'irdumjiet u civiltajiet ta' blat. Ritorn lejn Andria, Cena u ħarġa mal-leader biex ingawdu Andria mal-lejl.

**It-Tielet Jum**
Illum nibdew vjaġġ panoramiku fuq promontorju muntanjuż minħabba l-pożiżżjoni ġeografika li jinsab il **Gargano** l-aktar għolja varjata immaġinabbli f'Puglia. Vjaġġ pittoresk sakemm naslu **Monte Sant Angelo** fejn hemmhekk niskopru għar kbir u fond ħafna dedikat lil San Mikiel. Ħin għax-xiri u wara nkomplu naqsmu l-Gargano sakemm naslu **San Ġiovanni Rotondo**. Inżuru l-Knejjes, il-mużew, kull ħaġa relatata ma' San Padre Pio. Ħin għax-xiri ta' souveniers u ikel. Tluq lejn Andria u ngħaddu mit-territorji sabiħ viċin l-Adrijatiku ta' Puglia. Ċena u ħarġa flimkien mal-leader ġewwa Andria.

**Ir-Raba' Jum**
Tluq lejn **Ostuni** meqjusa "La piu' bella Citta' Bianca". Mal-leader inżuru siti turistiċi bħal Piazza Oronzo, centro citta', Duomo u l-Belveder. Ħin liberu u nkomplu lejn **Locorotondo** Waqfa b'esperjenza sabiħa lejn iċ-ċentru riservat tajjeb mibni madwar sqaqien dojoq u djar zgħar rettangolari b'soqfa bil-ponta mimlija fjuri. Wara nkomplu naqsmu ambjent mimli b'vinji u msaġar taż-żebbuġ sakemm naslu **Alberobello** rinomat Unesco World Heritage. Mal-leader niskopru "IT-TRULLI" (Rione Monti) mibnija b'dawn id-djar żgħar bil-ġebel u koppli żgħar. Ikollna ħin għax-xiri tas-souveniers. Ritorn lejn Andria, wara l-ikla ħarġa oħra mal-leader.

**Il-Ħames Jum**

Tluq lejn **Polignano al Mare:** Mal-leader niskopru l-lungomare, djar fuq l-irdumijiet, għerien u nidħlu fiċ-ċentru storiku ħdejn il-bajja Lama monachile u l-monument ta' Modugno. Ħin għall-ikel, kikkra cafe' jew is-super mago del gelo. Tluq lejn **Bari** l-kapitali tar-Reġjun ta' Puglia. Issir dawra interessanti lejn ic-centru storiku, Basilika ta' San Nikola, Piazza Ferrarese, Teatro Petruzzelli u lungo mare. Ħin liberu ġewwa Via Sparano. Wasal il-ħin li nħallu Puglia billi nitilqu lejn l-ajruport ta' Bari biex nirritornaw lejn Malta bir-Ryan Air Flight FR7107 li jitlaq 23:35.

**Prezz kull Persuna**

| **Half Board u Eskursjonijiet mħallsa** | **Prezz Normali** | **Prezz Skontat** |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €800 | €750 |
| Kamra żewġ persuni | €800 | €750 |
| Kamra ta' persuna waħda | €900 | €850 |
| Tfal sa 11 – il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €670 | €620 |
| Suppliment Tour A (Easter) | | € 20 |

**Prezz jinkludi**

- Titjira mal-Malta Air
- 20kgs Check-In Luggage + Reserved Seats
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 4 iljieli – Hotel Cristal Palace 4star
- Continental Buffet Breakfast Kuljum
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

